**Emendi Kostituzjonali sabiex il-kariga tal-Ombudsman tigi mdaħħla fil-Kostituzzjonali ta' Malta.**

Il-Aġent Priministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Tonio Borg ippubblika l-emenda kostituzzjonali, li intbagħtet lill-Opposizzjoni f'Jannar 2006, li biha il-kariga ta' Ombudsman tiġi introdotta fil-Kostituzzjoni.

L-Aġent Priministru ippublika din l-emenda waqt Konferenza Stampa dalgħodu. L-emenda idaħħal fil-Kostituzzjoni l-Kariga ta' Ombudsman u tiddeskrivi b'mod ġenerali l-funzjonijiet attwali tiegħu.

Bis-saħħa ta' din l-emenda qed jiġi wkoll propost illi biex titneħħa il-kariga ta' Ombudsman, ikun hemm bżonn ta' maġġoranza ta' 2/3 tad-deputati parlamentari, u b'hekk din l-emenda tiġi "entrenched" fil-Kostituzzjoni jiġifieri biex tinbidel trid maġġoranza kwalfikata ta' żweġ terzi.

Seba' xhur wara li din l-emenda ġiet mgħoddija lill-Opposizzjoni, il-Gvern ma rċieva ebda risposta jew reazzjoni.

Sabiex din l-emenda tgħaddi trid il-kunsens wkoll ta' l-Opposizzjoni, għax teħtieġ l-approvazzjoni ta' 2/3 tad-deputati parlamentari.

Il-Gvern għalhekk appella lill-Opposizzjoni biex tesprimi r-reazzjoni tagħha għal din l-emenda; iktar u iktar meta wieħed iqis illi xi deputati Laburista fil-Parlament kienu qablu mar-Rapport ta' l-Ombudsman li kienu irrakomandaw li din l-emenda ssir.